**PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAT-23 TA' MARZU, 2023**

**Kawża Numru: 4**

**Rik. Ġur. 563/2022 RGM**

**Mary Grace D'Amato**

**v.**

**Luqa sive Luke D'Amato, Margaret Agius**
**u**
**n-Nutar Dr Rebecca Janelle Wellman**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar eċċezzjoni mressqa minn wieħed mill-konvenuti fejn talab illi l-imħallef sedenti jastjeni milli jisma' l-kawża odjerna għar-raġuni illi b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) mogħtija fil-31 ta' Ottubru 2017 presjeduta mill-istess imħallef kienet ġiet deċiża kawża ta' separazzjoni personali ta' bejn l-attriċi Mary Grace D'Amato u l-konvenut Luqa sive Luke D'Amato fejn il-konvenut D'Amato kien instab responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ.

**Daħla**.

2. L-attriċi intavolat il-kawża odjerna fejn qed titlob *inter alia* (i) ir-rexxissjoni ta' kuntratt ta' bejgħ ta' garaxx mill-konvenut Luqa D'Amato lill-konvenuta Margaret Agius; (ii) kundanna lill-konvenut Luqa D'Amato sabiex irodd lura lill-attriċi l-ammonti kollha li hija ħallset lill-bank in konnessjoni ma' self relatat mal-imsemmi garaxx; (iii) tiddikjara lill-konvenut qua bejjiegħ, lix-xerrejja u lin-nutar li ppubblikat il-kuntratt tal-bejgħ responsabbli għad-danni; (iv) tillikwida d-danni u tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi l-istess danni.

3. Dawn it-talbiet resqithom wara li ppremettiet illi b'sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni Familja) tal-31 ta' Ottubru, 2017 fl-ismijiet "Mary Grace D'Amato vs. Luqa sive Luke D'Amato" ġie deċiż fost l-oħrajn li l-garaxx internament immarkat bin-numru 11B aċċessibbli minn Triq il-Venewwa, Fgura, jkun assenjat lill-konvenut Luqa D'Amato; illi l-kuntratt ta' trasferiment tal-imsemmi garaxx qatt ma sar; illi għalhekk l-attriċi tqis illi l-garaxx għadu proprjeta' komuni bejnha u l-konvenut D'Amato; illi peress li dan il-garaxx kien għadu mgħobbli b'dejn mal-bank u l-konvenut D'Amato ma kellux flus fil-kontijiet tiegħu l-attriċi baqgħet tħallas il-*bank loan* fuq il-garaxx minn flusha; illi wara li rċeviet ittra mill-HSBC Bank Malta plc datata 14 ta' Jannar, 2022, skopriet illi l-garaxx kien inbiegħ mill-konvenut D'Amato lill-konvenuta Margaret Agius bis-saħħa ta' kuntratt ippubblikat fid-19 ta' Ottubru, 2021 mill-konvenuta Nutar Dr Rebecca Janelle Wellman; illi l-imsemmi kuntratt fih dikjarazzjonijiet foloz;

4. Il-konvenut Luqa D'Amato iqis illi bil-fatt li l-imħallef sedenti iddeċieda l-kawża ta' separazzjoni personali bejnu u bejn l-attriċi; u peress li l-istess partijiet f'dik l-istess kawża kienu għamlu diversi allegazzjonijiet serjissimi quddiem l-istess mħallef allura qed jitlob li l-imħallef sedenti jastjeni milli jisma' u jiddeċiedi din l-kawża u dan abbażi ta' l-aforiżmu illi l-ġustizzja mhux biss issir trid iżda wkoll tidher li qed issir.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**.

5. Fir-risposta ġuramentata tiegħu, għalkemm il-konvenut D'Amato ma jiċċita l-ebda provvediment legali in sostenn tal-eċċezzjoni tar-rikuża minnu sollevata jidher li l-unika disposizzjoni li tista' tkun applikabbli hija artikolu 734(1)(d) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

6. Illi l-imsemmija dispożizzjoni tgħodd għall-każ fejn l-istess kawża terġa' titqiegħed quddiem il-ġudikant rikużat wara li kien ta sentenza fl-istess kawża, imma ma tgħoddx fejn dik is-sentenza tkun qatgħet biss parti mill-mertu u tkun għadha quddiemu biex jiddeċiedi talbiet oħrajn fil-mertu tal-istess kawża.

7. **Artikolu 734 tal-Kapitolu 12 (ċ) (d)** jipprovdi illi imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' minn rajh jastjeni milli jisma' kawża:

"(1) ….(d) (i) jekk ikun ta l-parir tiegħu, ittratta quddiem il-qorti jew kiteb dwar il-kawża jew dwar kull ħaġa oħra li għandha x'taqsam mal-kawża jew tiddependi minnha,
(ii) jekk il-kawża kienet ġa ġiet quddiemu bħala imħallef jew bħala arbitru:
Iżda dan ma jgħoddx għal deċiżjoni, mogħtija mill-imħallef, meta ma tkunx qatgħet definitivament il-meritu fil-kwistjoni bejn il-partijiet, u lanqas għal sentenza li teħles ab observantia,"

(2) L-imħallef jista' jiġi rikużat jew jista' jastjeni ruħu milli joqgħod f'kawża meta l-kawża tkun ġa ġiet quddiemu u hu jkun tkellem fuq l-istess merti ta' dik il-kawża meta kien qed joqgħod bħala mħallef fil-Qorti ta' ġurisdizzjoni volontarja."

8. Bħala punt ta' tluq tajjeb jiġi sottolineat illi r-raġuni għaliex ġudikant għandu jastjeni milli jisma' kawża assenjata lilu jew lilha għandha bħala

reġola tkun imsejsa dwar waħda mill-istanzi kontemplati fl-artikolu 734 tal-Kap. 12 u hija biss f'każijiet eċċezzjonali illi jitqiesu raġunijiet oħra msejsa fuq l-aforiżmu li huwa importanti li l-ġustizzja tidher li qed issir bl-istess mod li l-ġustizzja għandha ssir.

9. Għall-konvenut D'Amato bil-fatt li l-kawża tas-separazzjoni personali ta' bejnu u l-attriċi ġiet deċiża mill-istess imħallef li issa ġie assenjat il-kawża odjerna, għandu għal dik ir-raġuni jastjeni milli jiisma' l-kawża. Fil-fehma tal-konvenut D'Amato l-ġustizzja ma tkunx tidher li qed issir jekk il-ġudikant li sema' l-akkużi serji li l-partijiet għamlu kontra xulxin fil-kawża ta' separazzjoni ikun l-istess ġudikant li jiddeċiedi dwar jekk kuntratt magħmul mill-konvenut erba' snin wara s-sentenza tas-separazzjoni personali huwiex annullabbli. Jekk il-Qorti kellha toqgħod strettament ma' dak li jipprovdi artikolu 733 tal-Kap. 12 ir-risposta hi li ma hemmx raġuni għall-astensjoni għaliex artikolu 733 tal-Kap. 12 irid illi sabiex ikun hemm raġuni għall-astensjoni jew rikuża jeħtieġ li l-ġudikant diġa esprima ruħu dwar l-istess mertu tal-kawża li issa għandu quddiemu għas-sempliċi raġuni illi meta ġiet ippronunzjata s-sentenza mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) il-fatti mertu tal-kawża odjerna ma kienux għadhom seħħew bil-konsegwenza li qatt ma seta' jkun li f'dik is-sentenza jsiru pronunzjamenti dwar dak li fil-kawża odjerna qed tallega l-attriċi.

10. Fil-kawża odjerna l-mertu huwa dwar jekk il-konvenut kellux dritt ibiegħ il-garaxx lilu assenjat bis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) qabel ma jsir kuntratt ta' trasferiment a favur tiegħu tan-nofs indiviż li kien jappartjeni lill-attriċi. Huwa aktar milli evidenti illi l-mertu tal-kawża odjerna huma għal kollox divers mill-mertu tas-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) dwar is-separazzjoni personali ta' bejn il-konjuġi D'Amato. Għalhekk tqis illi l-ebda waħda mill-istanzi kontemplati fl-artikolu 733 ma hi applikabbli għall-każ odjern.

11. Iżda għalkemm Artikolu 733 tal-Kapitolu 12 jagħti ad intendere li l-lista li tinstab fl-Artikolu 734 hija waħda eżawrijenti peress li jipprovdi illi: "L-imħallfin ma jistgħux jiġu r-rikużati u lanqas jistgħu jastjenu ruħhom milli joqogħdu f'kawża miġjuba quddiemhom fil-qorti li fiha huma maħtura biex joqogħdu, ħlief għal xi waħda mir-raġunijiet hawn wara msemmijin.", kien hemm istanzi fejn il-ġudikanti ġew rikużati fuq raġunijiet oltre dawk imsemmija fil-liġi. ( ara. **Lawrence Grech et vs. L-Avukat Ġenerali et** – Qorti Kostituzzjonali – 7 ta' Marzu, 2015; u **General Workers Union vs. L-Avukat Ġenerali et** - Qorti Kostituzzjonali – 14 ta' Diċembru, 2018)

12. Fis-sentenza **Sandro Chetcuti vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 8/2003) mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Lulju 2005 ġie dikjarat illi:- "Anke jekk skont id-disposizzjonijiet relattivi tal-Kap. 12 ma hemmx lok ghal rikuza - anzi jista' jkun hemm divjiet ta' astensjoni - izda tista' tinholoq sitwazzjoni fejn ikun hemm kuntrast mad-drittijiet fundamentali u kostituzzjonali ta' l-individwu bil-konsegwenza li dawn ta' l-ahhar ghandhom jipprevalu fuq id-disposizzjonijiet l-ohra tal-ligi ordinarja." (ara sentenzi Qorti Kostituzzjonali **Sant vs Kummissarju tal-Pulizija** 2/4/90; **Cachia vs Onor. Prim Ministru et** 10/10/91; **Bugeja et vs Onor. Prim Ministru noe** et 17/6/94 u PA (Sede Kostituzzjonali) **Ghirxi vs Onor. Prim Ministru et** 1/11/96). Kwindi anke jekk jista' ma jkunx hemm lok ta' rikuza a bazi tal-artikolu 734 tal-Kap. 12 ma jfissirx b'daqshekk illi l-kwistjoni tinghalaq hawn ghax l-imparzjalita` ta' gudikant hi wahda mis-salvagwardji tad-dritt ta' smigh xieraq u kwindi jekk il-ligi generali ma tipprovdix rimedju fejn misthoqq, l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6 tal-Kap. 319 jistghu jigu invokati biex jekk hu misthoqq jinghata r-rimedju opportun.

[…]

Indipendentement mill-fatt jekk ic-cirkostanzi kinux tali li kienu jintitolaw lill-parti li titlob ir-rikuza tal-gudikant skond il-ligijiet ta' procedura. Il-parametri ta' dawk il-ligijiet ghandhom jitqiesu li twessghu bil-provvedimenti tal-Kostituzzjoni u tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxu

s-smiegh xieraq. Irid ghalhekk jigu interpretati fl-ispirtu taghhom u fil-dawl tal-principji enuncjati fil-gurisprudenza tal-Qorti u tal-Kummissjoni Ewropeja.” (**Dr. A. Mifsud vs On. Prim Ministru et** fil-17 ta’ Lulju 1996 (Kost).”

13. Il-Qorti tagħraf u taqbel li r-raġunijiet li għalihom ġudikant jista’ jastjeni milli jisma’ kawża jew jista’ jiġi rikużat milli jkompli jisma’ kawża m'humiex biss dawk li l-liġi nnifisha ssemmi. F’każijiet eċċezzjonali jista’ ikun hemm raġunijiet oħrajn serji li jsarfu bħala xierqa għal tali astensjoni jew rikuża. L-istitut tar-rikuża jew tal-astensjoni huwa maħsub biex iħares l-aħjar interessi tal-ġustizzja, b’mod partikolari f’dak li jirrigwarda l-jedd ta’ smigħ xieraq b’mod imparzjali u kif ukoll it-tisħiħ tal-fiduċja pubblika fl-amministrazzjoni tal-ġustizzja. In oltre l-aforisma “justice must not only be done but must be seen to be done” trid tiġi valutata fl-isfond tal-każ partikolari kif ukoll fl-isfond tal-jedd fundamentali għal smiegħ xieraq minn tribunal indipendenti u imparzjali protett sew mill-Kostituzzjoni ta’ Malta kif ukoll mill-Konvenzjoni Ewropea.

14. L-istitut tar-rikuża jew l-astensjoni tal-ġudikant jinbena fuq il-presuppost li l-ġudikant li quddiemu titressaq kawża huwa imparzjali u li huwa d-dmir tiegħu u mhux sempliċi privileġġ jew favur li huwa jisma’ u jaqta’ kull kawża li titressaq quddiemu.

15. Ġudikant ma għandux b’mod leġġer jastjeni milli jisma’ kawża jew jilqa’ eċċezzjoni għal rikuża jekk ma jkunx konvint illi verament hemm raġunijiet validi li jistgħu jimpinġu fuq id-dritt fundamentali tal-individwu għal smiegħ xieraq minn tribunal imparzjali.

16. F’dan ir-rigward tajjeb jingħad li biex raġuni twassal għall-astensjoni jew għar-rikuża ta’ ġudikant din trid tkun waħda konkreta u mhux biss mistħajla. B’mod partikolari ingħad li “il-liġi ma tridx li, sempliċement għax parti jew oħra f’kawża ‘tħoss’ jew ‘jidhrilha’ li ġudikant jista’ jkun parzjali,

allura dak il-ġudikant għandu ma jiħux konjizzjoni ta' dik il-kawża. Apparti l-obbligu li l-liġi timponi fuq il-ġudikant li joqgħod f'kull kawża li tiġi lilu assenjata skond il-liġi u li jastjeni jew jilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża fil-każijiet biss fejn ikun legalment ġustifikat li huwa ma jkomplix jieħu konjizzjoni ta' dik il-kawża, mhux kull 'ħsieb' ta' parzjalita' li jista' talvolta jgħaddi minn moħħ parti jew oħra, jista' jingħad li huwa 'oġġettivament ġustifikat'. It-test oġġettiv ta' l-imparzjalita', anke kif mifhum mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem jirrikjedi li jkun hemm bażi oġġettivament riskontrabbli." (**Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Ramandan Ghamber Shnishah -** Qorti tal-Appelli Kriminali - 15 ta' Novembru 2004.)

17. L-aġġudikant bil-ġurament tal-ħatra tiegħu bħala mħallef jiggarantixxi l-imparzjalità u l-indipendenza tal-ġudikant li jsawru id-dritt għas-smigħ xieraq u għalhekk jeżistu dawk is-salvagwardji meħtieġa fil-mod kif ikun appuntat l-aġġudikant u fil-mod ta' kif għandu jmexxi l-proċeduri.

18. Permezz tal-eċċezzjoni ta' rikuża minnu sollevata enumerata bin-numru 8 kif ukoll il-paragrafi sussegwenti, l-konvenut D'Amato jgħid illi għalkemm huwa ma għandu l-ebda dubju dwar l-imparzjalita', l-professjonalita' w l-integrita' tal-Qorti kif presjeduta, "ikun ferm għaqli illi f'għajnejn il-partijiet u b'estensjoni f'għajnejn il-pubbliku, l-Ġustizzja trid tidher li qegħda issir mingħajr ebda dubju". Iqis il-konvenut D'Amato illi kull parti f'kawża għandu jkollha s-serħan tal-moħħ illi kull argument li tressaq ma jkunx imċajpar b'dak li allegaw il-partijiet kontra xulxin fil-kawża ta' separazzjoni ta' bejniethom.

19. Jidher mill-eċċezzjoni in diżamina li l-konvenut D'Amato qed jimputa parzjalita' (bias) mhux minħabba xi konsiderazzjoni magħmula fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) iżda għaliex skond il-konvenut D'Amato, il-partijiet matul il-kawża ta' separazzjoni għamlu allegazzjonijiet serjissimi kontra xulxin.

20. Pero' l-Qorti tqis illi mhux dak li ġie allegat mill-konjuġi D'Amato fil-konfront ta' xulxin kif qed jgħid il-konvenut D'Amato li jiswa' għall-finijiet jekk il-ġudikant għandux jastjeni jew jiġi rikużat iżda jekk dak li iddeċieda fil-konfront ta' kull wieħed u waħda mill-konjuġi D'Amato fil-kawża ta' separazzjoni personali jistax jinfluwenza d-deċiżżjoni fil-kawża odjerna.

21. Il-konvenut D'Amato ma hux qed jimputa li l-konsiderazzjonijiet u d-deċiżżjonijiet fil-konfront tiegħu fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) jistgħu jitqiesu li juru preġudizzju jew bias fil-konfront tiegħu. Pero' l-Qorti tqis illi għalkemm il-konvenut D'Amato ma jallegax li fis-sentenza tal-Qorti tal-Familja jinstab xi preġudizzju kontrih, il-Qorti tqis illi ciononostante xorta waħda għandha d-dover li tevalwa hi, anke jekk mhux mitluba mill-konvenut D'Amato, sabiex bil-vantaġġ tad-dekors ta' aktar minn ħames snin minn tali sentenza, tevalwa jekk tikkontjeniex xi konsiderazzjoni jew deliberazzjoni li tista' titqies bħala xi forma ta' antagoniżmu fil-konfront tal-konvenut D'Amato.

22. Fis-sentenza fl-ismijiet **Nadine Bonnici vs. Avukat Generali et** (Rik Kost 67/2012AE) deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-4 ta' Marzu 2013 (mhux appellata) ġie osservat illi:

> "L-imparzjalita' ta' qorti skond l-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni, normalment tfisser nuqqas ta' pregudizzju jew bias; "There are two tests for assessing whether a tribunal is impartial: the first consists in seeking to determine a particular judge's personal conviction or interest in a given case and the second is ascertaining whether the judge offered guarantees sufficient to exclude any legitimate doubt in this respect...... As to the second test, when applied to a body sitting as a bench, it means determining whether, quite apart from the personal conduct of any of the members of that body, there are ascertainable facts which may raise doubts as to its impartiality. In this respect even

appearances may be of some importance. It follows that when it is being decided whether in a given case there is a legitimate reason to fear that a particular body lacks impartiality, the standpoint of those claiming that it is not impartial is important but not decisive. What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified." (**Lindon Otchakovskylaurens and July v France** deciza fit-22 ta' Ottubru 2007 mill-Qorti Ewropeja ghad-Drittijiet Umani).

Ghal dak li jikkoncerna t-test soggettiv, f'dan il-kaz ma saret l-ebda allegazzjoni li fil-kawza 961/2011 "...... the personal conviction of a judge ..... raises doubts about his or her independence or impartiality. The judge's lack of bias is presumed unless there is evidence to the contrary........."

23. Dak li ghandu jsir mill-Qorti rinfaċċjata b'eċċezzjoni dwar rikuża huwa li teżamina l-fatti konkreti tal-kaz in dizamina sabiex tevalwa jekk jeżistux l-estremi ta' nuqqas ta' imparzjalita' u mhux konsiderazzjonijiet astratti bbażati biss fuq principji teoretici u rimossi mill-fatti tal-kaz. (**Carmen Grixti v. Ivan Grixti** - Qorti Kostituzzjonali - 20 ta' Lulju, 2020).

24. Fil-kawża odjerna l-konvenut D'Amato ma hux qed jikkontendi illi din il-qorti kif presjeduta ġia ippronunzjat ruħha dwar il-mertu tal-kawża odjerna fi proċeduri preċedenti. Għalkemm kif rajna l-konvenut D'Amato jsejjes l-eċċezzjoni tiegħu fuq dak li l-konjuġi D'Amato allegaw kontra xulxin fil-kawża ta' separazzjoni personali tagħhom, dak li l-Qorti ser tikkonsdra huwa jekk fil-konsiderazzjonijiet li saru fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) hemmx pronunzjamenti illi oġġettivament jistgħu iwasslu għall- possibilita', anke remota, li xi ħadd mill-partijiet ikun ġustifikat jaħseb illi l-ġudidant jista' jkun influwenzat fil-kawża odjerna minn dak li l-istess ġudikant ikkonsidra u iddeċieda fil-kawża tas-separazzjoni personali. F'tali deliberazzjoni il-punto di vista ta' min juri l-biża li jista' jkun hemm preġudizzju minħabba nuqqas ta' imparzjalita'

huwa importanti iżda mhux deċiżiv. “”What is decisive is whether the fear can be held to be objectively justified” (ara. ***Wettstein v. Switzerland***, no. 33958/96, § 44, ECHR 2000-XII; ***Ferrantelli and Santangelo v. Italy*** 7 ta’ Awissu 1996 *Reports* 1996-III, pp. 951-52, § 58).

25. Rilevanti fuq dan is-suġġett is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell tal-Ingilterra u Wales (Diviżjoni Ċivili) fis-17 ta’ Novembru, 1999 fl-ismijiet, **Locabail (UK) Ltd v. Bayfield**[1]:

> The mere fact that a judge, earlier in the same case or in a previous case, had commented adversely on a party or witness, or found the evidence of a party or witness to be unreliable, would not without more found a sustainable objection. In most cases, we think, the answer, one way or the other, will be obvious. But if in any case there is real ground for doubt, that doubt should be resolved in favour of recusal. We repeat: every application must be decided on the facts and circumstances of the individual case. The greater the passage of time between the event relied on as showing a danger of bias and the case in which the objection is raised, the weaker (other things being equal) the objection will be."

26. Kif ġie deċiż minn **La Corte di Cassazione Taljana** f’sentenza tal-24 ta’ Settembru, 2015:

> “In tema di ricusazione del giudice, la "inimicizia" del ricusato…….non può essere desunta dal contenuto di provvedimenti da lui emessi in altri processi concernenti il ricusante, tranne che le "anomalie" denunciate siano tali da non consentire neppure di identificare l'atto come provvedimento giurisdizionale; tuttavia, qualora ricorra tale ipotesi, il giudice della ricusazione deve anche accertare se quelle anomalie, in ipotesi

[1] Neutral Citation Number: [1999] EWCA Civ 3004

ascrivibili ad altre cause, siano state determinate proprio da grave inimicizia nei confronti del ricusante, su cui incombe il correlato onere di allegare fatti e circostanze rivelatrici dell'esistenza di ragioni di avversione o di rancore estranei alla realtà processuale. *(<u>Cassazione civile, Sez. VI-3, ordinanza n. 18976 del 24 settembre 2015</u>)* **(Cass. civ. n. 18976/2015)**

27. Sentenza oħra ta' **La Corte di Cassazione Taljan** tirrigwardja assenjazzjoni ta' kawża lill-istess ġudikant li preċedentement iddeċieda kawża oħra bejn l-istess partijiet fejn ġew trattati prinċipji legali simili għal dawk deċiżi fil-kawża preċedenti::

> "L'obbligo di astensione …. si impone solo al giudice che abbia conosciuto della stessa causa come magistrato in altro grado, posto che la norma e' volta ad assicurare la necessaria alterita' del giudice chiamato a decidere, in sede di impugnazione, sulla medesima "res iudicanda" in un unico processo; ne consegue che l'obbligo non puo' essere inteso nel senso di operare in un nuovo e distinto procedimento, ancorche' riguardante le stesse parti e pur se implicante la risoluzione di identiche questioni. (**Cassazione civile, Sez II, ordinanza n. 15268 – 5 ta' Ġunju, 2019) (Cass. Civ. N. 15268/2019**)

28. Inżamm ukoll mill-istess Qorti Taljan illi:

> "L'obbligo del giudice di astenersi….si riferisce ai casi in cui egli abbia conosciuto della causa in altro grado del processo, e non anche ai casi in cui lo stesso abbia trattato di una causa diversa vertente su un oggetto analogo, ancorche' tra le stesse parti, ne' in tale ipotesi sussistono gravi ragioni di convenienza rilevanti come motivo di ricusazione." (**Cassazione civile, Sez.II, ordinanza n. 2593 – 10 ta' Frar, 2015**).

29. Fil-kawża odjerna l-attriċi tippremetti illi b'sentenza tal-31 ta' Ottubru, 2017 mogħtija mill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġie deċiż inter alia illi garaxx gewwa l-Fgura jkun assenjat lill-konvenut Luqa D'Amato; illi l-kuntratt ta' trasferiment qatt ma sar; illi l-attriċi baqgħet tħallas il-*loan* mal-bank gravanti dak il-garaxx; illi reċenti saret taf li l-konvenut D'Amato biegħ il-garaxx lill-konvenuta Agius b'kuntratt tad-19 ta' Ottubru, 2021; illi skond l-attriċi dak il-kuntratt huwa null peress li ma kienx għadu sar il-kuntratt ta' trasferiment bejnha u bejn il-konvenut D'Amato; għalhekk qed titlob illi l-kuntratt ta' bejgħ bejn il-konvenut D'Amato u l-konvenuta Agius jiġi rexxiss u l-konvenuti jiġu kkundannati jħallsuwha d-danni.

30. Fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) ġie deċiż illi l-konvenut Luqa D'Amato kien unikament responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ. Fil-konsiderazzjonijiet tagħha qabel waslet għal dik id-deċiżżjoni l-Qorti kienet sabet illi l-konvenut kien insensittiv għall-ħtiġijiet tal-familja tiegħu, li naqas milli jipparteċipa fil-ħajja konjugali; li kien aktar interessat li jżomm il-maġġor parti tal-flus disponibbli għall-kapriċċi personali tiegħu milli jutiliżżhom għall-ħtiġijiet tal-familja; illi kien sar aggressiv u minaċċjuż fil-konfront ta' martu u ta' bintu minuri; illi sabitu ħati ta' offiżi gravi fit-termini tal-artikolu 40 tal-Kap. 16.

31. Minn dik is-sentenza ma sarx appell.

32. Fil-likwidazzjoni tal-assi l-qorti kienet ordnat illi:

> "Dwar il-garaxx il-Qorti qed tiddeciedi, ………….li sehem l-attrici mill-garaxx jigi assenjat lill-konvenut; bil-kondizzjoni illi l-konvenut jassumi wahdu kwalunkwe dejn li ghadu jaggrava l-imsemmi fond; bil-kondizzjoni illi l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' €594.15 kif fuq spjegat; u li l-attrici tigi mehlusa minn kwalunkwe ipoteka generali fir-rigward tal-facilita' bankarja maghmula in konnessjoni mal-akkwist ta' dan il-garaxx."

33. Illi l-kawża odjerna titratta kuntratt ippubblikat fid-19 ta' Ottubru 2021 bejn il-konvenut D'Amato u l-konvenuta Agius, tant li fil-kawża odjerna l-attriċi ma ħarkitx biss lill-konvenut D'Amato iżda wkoll lil min xtara mingħandu kif ukoll lin-nutar li ppubblikat il-kuntratt.

34. Il-Qorti ma tarax illi bil-fatt li sabet lill-konvenut responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ fil-kawża tas-separazzjoni personali ta' bejn il-konjuġi D'Amato għamlet xi pronunzjamenti li b'xi mod jistgħu jinfluwenzawha fid-deċiżżjonijiet tagħha fil-kawża odjerna dwar mertu fejn il-konsiderazzjonijiet magħmula dwar ir-responsabbiltajiet għat-tkissir taż-żwieġ tal-konjuġi D'Amato ma għandhom l-ebda rilevanza u bl-ebda mod, la direttament u lanqas indirettament,  ma jistgħu jitqiesu rilevanti għall-mertu tal-kawża odjerna.

35. Bil-fatt li ġudikant ikun iddeċieda l-kawża ta' separazzjoni personali ta' bejn tnejn min-nies ma jnaqqasx l-imparzjalita' tiegħu jew tagħha f'kawża oħra bejn l-istess tnejn min-nies u terzi dwar vertenza li r-riżoluzzjoni tagħha ma tiddependiex mid-deliberazzjonijiet magħmula fl-ewwel kawża dwar it-tkissir taż-żwieġ imma titratta, bħal fil-każ odjern, mertu totalment differrenti ta' natura prettament ċivili lil hinn mill-fatti kollha li wasslu għat-tkissir taż-żwieġ ta' bejn il-konjuġi D'Amato.

36. Il-Qorti tifhem illi persuna li tkun instabet responsabbli għat-tkissir taż-żwieġ tagħha mhux neċessarjament taqbel ma' dak deċiż, anke jekk ma appellatx tali sentenza;  u mhux eskluż illi ġenwinament tħoss illi m'għandux ikun l-istess ġudikant li jiddeċiedi kawżi oħra fejn iż-żewġ konjuġi jkunu parti.  Pero' tali ħsieb waħdu ma jwassalx għall-estremi tar-rikuża jew għall-astensjoni.  L-iskumdita' tal-parti ma hiex ekwivalenti għal nuqqas ta' imparzjalita' tal-ġudikant.

37. Kif ġie ritenut fis-sentenza wara referenza kostituzzjonali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. David Apap et.** mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili (Sede

Kostituzzjonali) (per Imħallef illum is-STO Prim Imħallef Mark Chetcuti) fit-28 ta' Mejju, 2019:

"Illi jrid jinghad illi jkun ferm hafif ghall-Gudikant li kif rinfaccjat minn talba bhal dik odjerna, jahsel idejh mill-kaz li jkollu quddiemu u jirrikuza ruhu minnu. Tali atteggjament legger pero ma hux dak li trid il-ligi u jmur ukoll kontra l-gurament li kull Gudikant jiehu fil-hatra tieghu. In oltre dan mhux l-ispirtu tal-ligi meta l-legislatur haseb ghal dawk ic-cirkostanzi li verament u tassew jimmeritaw rikuza u kien ghalhekk li elenka l-istanzi tar-rikuza.

[…]

Il-ligi timponi l-obbligu fuq il-gudikant li joqghod f'kull kawza li tigi lilu assenjata skond il-ligi u li jastjeni jew jilqa' l-eccezzjoni tar-rikuza fil-kazijiet biss fejn ikun legalment gustifikat li huwa ma jkomplix jiehu konjizzjoni ta' dik il-kawza. Ghalhekk gudikant ghandu jastjeni biss f'dawk il-kazi fejn l-astensjoni tkun verament mehtiega fl-interess tal-amministrazzjoni tal-gustizzja. L-astenzjoni hi necessarja biex tassikura l-fiducja pubblika fl-amministrazzjoni tal-gustizzja u dana l-istitut m'ghandux jigi strumentalizzat biex processi jigu sabotati jew biex isir forum shopping ( ara. E.T. Rev. Mons. Arcisqof Giuseppe Mercieca pro et noe vs Onor. Prim Ministru noe et, Kost 22/10/1984)."

38. Kif ġie wkoll dikjarat mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza **Il-Pulizija (Spettur Norbert Ciappara) v. Joseph Lebrun** mogħtija fit-18 ta' Frar, 2008:

"Huwa minnu li l-gurisprudenza taghna accettat ukoll li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet eccezzjonali, mhux koperti b'xi kap ta' l-Artikolu 734, fejn ikun hemm obbligu ta' astensjoni, u dan fuq il-mudell tal-paragrafu (h) tal-Kodici ta' Procedura Penali Taljan

vigenti, cioe` meta jkun hemm dawk li f'dak il-kodici jissejjhu "altre gravi ragioni di convenienza".

[...]

Kif gie spjegat, pero`, "konvenienza" hawn ma tfissirx "kumdita`". "Konvenienza" hawnhekk ghandha s-sinjifikat ta' (bit-Taljan) "conviene", cioe` li hekk ghandu jsir, u tirreferi ghal dawk ir-ragunijiet jew cirkostanzi eccezzjonali, oggettivament riskontrabbli, li ghalkemm ma jissemmewx espressament f'xi kap ta' l-Artikolu 734, ikunu guridikament relevanti peress li oggettivament joholqu suspett fondat dwar l-imparzjalita` tal-gudikant, cioe` suspett li jeghleb il-presunzjoni qawwija li gudikant huwa dejjem kapaci li joghla 'l fuq, u jiddistakka ruhu, minn dawk is-simpatiji jew antipatiji normali li persuna jista' jkollha ghal persuna jew persuni ohra jew ghall-meritu tal-vertenza bejn iz-zewg partijiet."

39. Imkien fl-eċċezzjoni tiegħu in diżamina jew matul it-trattazzjoni tal-istess eċċezzjoni fl-udjenza tal-1 ta' Marzu, 2023 ma ġie allegat mill-konvenut D'Amato, wisq anqas muri, illi fis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) intweriet xi animosita' fil-konfront tal-konvenut D'Amato jew li jew li fil-kors ta' dawk il-proċeduri intwera xi antagoniżmu mill-ġudikant fil-konfront tiegħu.

40. Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet kollha fuq magħmula l-Qorti kif presjeduta tqis illi ma jirriżultawx l-estremi illi leġittimament għandhom iwassluwha sabiex tilqa' l-eċċezzjoni tar-rikuża jew li tastjeni milli tisma' l-kawża odjerna . Għall-kuntrarju, tqis illi l-Qorti kif presjeduta tkun qed tonqos mid-doveri statutorji u kostituzzjonali tagħha jekk tastjeni milli tisma' l-kawża odjerna.

**Decide**.

Għal dawn il-motivi l-Qorti,

1. **Tiċħad** l-eċċezzjoni tar-rikuża mressqa mill-konvenut Luqa sive Luke D'Amato

2. **Tordna** t-tkomplija tas-smiegħ tal-kawża.

3. **Spejjeż** riżervati għall-ġudizzju finali.

**Moqrija.**

**Robert G. Mangion**
**Imħallef**
23 ta' Marzu, 2023

**Lydia Ellul**
**Deputat Registratur**